# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 18 – IL-ĦAMIS 20 TA' MARZU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (Skużat) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Skużat) |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 17**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Fir-rigward ta' para. 2.4, is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-ammont ta' flus li jridu jitħallsu minħabba din il-kawża huwa ta' €2030.51 minħabba li żdiedu l-ispejjeż tal-qorti, eċċ. Hija fakkret li parti żgħira minnhom se jiġu assorbiti mill-assikurazzjoni tal-Kunsill.

2.2 Rigard para. 2.5, is-SE infurmat li kienet waslet l-approvazzjoni min-naħa ta' TM għat-tpoġġija ta' *sleeping policeman* ħdejn il-bandli. Kien hemm qbil li sakemm tinġab kwotazzjoni għat-tip ta' sleeping policeman li ġie approvat għandhom jiġu mmarkati żewġ sinjali ta' Slow fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu javviċina lill-Perit tal-Kunsill biex tinġab stima għal xogħol ta' twaqqigħ u irtirar ta' ħajt fi Triq l-Imtarfa u l-kostruzzjoni ta' bankina ma' tulu.

2.3 Is-SE infurmat li l-bankina fi Triq it-Tulipani saret (para. 2.9).

2.4 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.1, kienu qed jinġabu l-kwotazzjonijiet.

2.5 Is-SE infurmat li fir-rigward ta. Para. 10.2, il-*Monitoring Board* kienu rrakkomandaw lill-Kunsill biex imur għat-tieni l-irħas offerent ladarba kien *compliant*. Hawn is-SE infurmat li dan kien ġie infurmat u l-cameras twaħħlu.

## 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kienet għadu kif ġie mħabbar li l-Gvern Ċentrali se joffri *sports equipment* lil dawk il-Kunsilli li jogħġobhom jagħmu *outdoor gym* fil-lokalità tagħhom. Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar fejn jista' jiġi allokat spazju għal *outdoor gym*. Kien hemm qbil li bħala preferenza l-Kunsill għandu jkellem lill-Perit biex minn dawn il-postijiet jiġi ddeterminat l-aħjar lok. Il-postijiet huma: ġnien fi Triq is-27 ta' April, iż-żona tal-Karnival u l-Ġnien tas-Sinjura.

3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat xi tip ta' ċirkulari fid-djar tar-residenti biex wieħed jassessja l-andament tal-Kunsill matul din is-sena li għaddiet. Il-Kunsill qabel.

3.3 Is-Sindku rrakkomanda li l-bus stop li hemm quddiem taż-żebgħa titressaq biex f'dik iż-żona jiġu akkomodati aktar vetturi. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel kuntatt mal-Perit Bonello ta' TM biex jiġi vverifikat x'jista' jsir. Il-Kunsillier Fenech ma qabilx li dan il-*bus stop* għandu jitressaq xi mkien fejn ma jkunx jista' jsir *bus shelter*.

3.4 Is-Sindku propona li jsiru xi ranep fuq ġewwa tal-*ex-married quarters* biex jiżdiedu xi parkeġġi ulterjuri. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan.

3.5 Is-Sindku informa li l-persuna li tieħu ħsieb il-banka tal-lottu talbet li jsiru xi u-shaped *bollards* quddiemha. Hawnhekk kien hemm qbil li m'hemmx oġġezzjoni sabiex isiru sakemm ikunu minħabba raġunijiet ta' sikurezza iżda ma jistax isir reklamar fihom jekk mhux bil-permess tal-kunsill. Is-Sindku għandu jivverifika eżatt u jirraporta lura.

3.6 Is-Sindku talab lis-SE tfakkar lill-ħaddiem tal-IPSL sabiex jagħmel ilqugħ għall-funtani.

3.7 Is-Sindku fakkar lis-SE li kellha tintbagħat ittra lir-resident biex ikunu avżati li l-gwardjani mhux jintbagħatu mis-Sindku jew mill-Kunsill Lokali. Hawn kien hemm qbil li għandu jagħmel dan l-avviż bħala parti mill-artiklu fuq il-fuljett.

3.8 Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jiġi kkonfermat numru ta' *doggie bins* biex jinxtraw għal madwar il-lokalità. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn li jinxtraw bejn 6 u 10 *doggie bins*. Hawnhekk is-SE insistiet li l-Kunsill għandu jibbaża d-deċiżjoni fuq il-ħtieġa u skont il-baġit li għandu.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Frar 2014.

## 5. KUNTRATT TAL-*LANDSCAPING* & *IRRIGATION* TAL-BANDLI

5.1 Is-SE infurmat li l-Perit Casha kienet infurmatha li beda kuntratt ġdid ta' manutenzjoni, *landscaping* u *irrigation* tal-bandli għal 3 snin min-nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014. Dan il-kuntratt se jkun qed jitħallas mill-MTI.

## 6. LATRINI PUBBLIĊI FIT-*TOWN CENTRE*

6.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet waqgħet maduma mil-latrini pubbliċi u jidher li warajha kien mimli għeruq mis-siġar li kien hemm imħawla eżatt fuq il-latrini. Hijia ġibdet l-attenzjoni li awn huma siġar invażivi u jagħmlu l-ħsara għaliex ifittxu l-ilma.

6.2 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkompli jara li ma ssirx aktar ħsara iżda għalissa mhux se tittieħed ebda azzjoni.

6.3 Sadanittant fuq ilment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandu jinħareġ default notice għaliex il-latrina kienet magħluqa għal waranofsinhar kollu nhar is-Sibt 15 ta' Marzu.

## 7. KUNTRATTI TAL-MANUTENZJONI TAS-*SOFT AREAS* U TAL-*BULKY REFUSE*

7.1 Is-SE infurmat li waslet biex tippubblika dawn iż-żewġ kuntratti. Hija infurmat ukoll li appikk li jiġi ppubblikat ukoll l-avviż tal-offerta tal-bosk, għalkemm għadha qed tistenna mingħand il-periti.

## 8. MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

8.1 Is-SE kienet iċċirkolat kopja tal-minuti u għaldaqstant dawn kienu meqjusa moqrija.

8.2 Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob ritratti u pjanta ta' fejn huma l-*culverts* li qed jirreferi għalihom is-Sur Cordina.

8.3 Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tibgħat nota uffiċjali lis-Segretarju tal-Klabb tal-Futbol rigward il-fan tal-*Club House*.

## 9. ATTIVITAJIET GĦAL JUM L-IMTARFA

9.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jsir vidjo qasir biex jintwera waqt l-attività. It-tema tal-vidjo għandha tkun l-iżvilupp ġol-Imtarfa mil-lat ta' komunità.

9.2 Kien hemm qbil li għandu jsir monument biex jiġi inawgurat nhar il-Ħadd 27 ta' April filgħodu. Kulħadd qabel li jkun hemm ukoll sagħtejn ta' divertiment għall-familja. Is-SE infurmat ukoll li kienet bagħtet ittra lill-entitajiet tal-lokal sabiex jintalbu jipparteċipaw.

9.3 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li aktar kmieni kienet saret laqgħa mas-Sur Joe Attard mill-GreenMT fejn dan kien offra li jħallas is-sagħtejn ta' divertiment għal din l-attività kemm-il darba jkun hemm il-preżenza tal-Eco Councillors jinkoraġġixxu lir-residenti biex jirriċiklaw l-iskart tagħhom. Il-Kunsill qabel.

9.4 Is-SE kompliet ukoll li s-Sur Attard kien ukoll offra numru ta' laned tal-iskart għal skart riċiklabbli kemm għall-ġnien kif ukoll għall-binjiet.

## 10. ĠIEĦ U MERTU L-IMTARFA

10.1 Is-SE infurmat li kien hemm biss nomina waħda, għall-paġna *Born at Mtarfa* li kienet ġiet kreata għal dawk li twieldu l-Imtarfa u fejn huma ħafna, b'mod speċjali ta' nisel Brittanniku, iżda mwielda fl-Imtarfa, li jiffrekwentawha.

10.2 Sadanittant is-Sindku poġġa fuq il-mejda nomina li kienet ġiet sottomessa s-sena li għaddiet għas-Sinjura Carmen Zahra, li taħdem ħafna għall-komunità tal-Imtarfa.

10.3 Kien hemm qbil li s-Sinjura Zahra għandha tingħata Ġieħ l-Imtarfa għall-ġid li minn dejjem tagħmel għal-lokalità filwaqt li l-paġna *Born at Mtarfa* tingħata Mertu l-Imtarfa.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jsiru 3 spralli żgħar biex jgħaddi l-ilma tax-xita minħabba li qed jiffurmaw xi għadajjar. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li jsir *gutter* għall-ilma tax-xita viċin tal-*bus shelter* ta' Triq Sir Leslie Rundle.

11.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar problema bid-dawl fiż-żona ta' wara Triq Sir Leslie Rundle, wara nota li rċieva l-Kunsill mingħand l-*electrician*. Kien hemm qbil li l-*electrician* għandu jattendi għal-laqgħa li jmiss biex jispjega aħjar dwar dawn il-ħsarat.

11.3 Is-Sindku informa li aktar kmieni dik il-ġimgħa kien inqala' sinjal ta' *No Parking* minn Triq il-Ġilju wara li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dan kien qiegħed hemm mingħajr il-permess ta' TM.

11.4 Is-SE fakkret lill-Viċi Sindku biex jgħaddilha d-dettalji tal-persuna li riċentament inqalbet bil-vettura tagħha u kissret sinjal tal-isem tat-triq sabiex dan jintalab jagħmel tajjeb għas-sinjal il-ġdid li se jkollu jinxtara.

11.5 Il-Kunsillier Fenech talab lill-Kunsill sabiex jiġu mmarkati l-kaxxi tal-parkeġġ mas-centre strip ta' Pjazza Palma. Hawnhekk is-SE infurmat li huwa illegali li wieħed jipparkja mas-centre strip. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Perit għandu jintalab jagħmel riorganizzazzjoni tal-parkeġġi fil-pjazza kollha.

## 12. AĠĠORNAMENT

12.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 21 ta' April fis-7:30pm.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |